2 ta' April, 1954.

Imħallef :
L-Onor. Dr. A. Magri, B.Litt., LL.D.

Anthony Lia *versus* P.L. Joseph Diacono et.

**Appalt — Lokazzjoni d'Opera — Mandat — Solidarjetà — Art. 1986 tal-Kodiċi Ċivili.**

***Għalkemm appalt ikun ġie mogħti minn żewġ persuni flimkien, b'att uniku u fl-interess komuni, l-azzjoni ta' l-appaltatur għall-ħlas ta' xogħlu kontra dawk l-appaltanti mhix solidali, jekk b'dak l-appalt jinħoloq, mhux rapport ta' mandat, iżda ta' lokazzjoni d'opera.***

Il-Qorti, — Rat l-att taċ-ċitazzjoni, li bih l-attur, premessi d-dikjarazzjonijiet kollha meħtieġa u mogħtija l-provvedimenti kollha xierqa, talab li l-konvenuti jiġu kundannati

jħallsu lill-attur, fi kwoti ndaqs bejniethom ta' nofs kull wieħed, jew solidalment bejniethom, skond ma jirriżulta li huwa skond il-liġi fit-trattazzjoni tal-kawża, is-somma ta' £1,900, jew somma oħra verjuri li tirriżulta waqt il-kawża, għas-salda ta' bini ta' garage u apportamenti sovrapposti fi Pietà Wharf, no. 189-190, Misida, li l-attur għamel għall-konvenuti u b'inkariku tagħhom. Bl-imgħax legali u bl-ispejjeż;

Ikkunsidrat;

Illi l-perit tekniku rriassuma l-konklużjonijiet minnu raġġunti fiż-żewġ relazzjonijiet tiegħu permezz tal-prospett fil-fol. 62 tal-proċess...............;

Illi l-Qorti, wara li eżaminat attentament l-imsemmijin żewġ relazzjonijiet u l-provi, ma tħossx li għandha tiddipartixxi minn dawk il-konklużjonijiet;

Illi, il-abbiltarnett, ta ... josserva li, għalkemm l-appalt gie lill-attur mogħti mi ... ewġ konvenuti flimkien, b'att uniku u fl-interess kom ..., l-azzjoni ta' l-attur mhix solidali, peress li r-rapporti li uħolq ... mhumiex rapporti ta' mandat, iżda ta' "locatio operis", u għalhekk mhux applikabili l-art. 1986 (Kodiċi Ċivili). Ara f'dan is-sens Troplong, Mandato, §226, u Marco Vitalevi, Appalto di Opere e Lavori (Digesto Italiano, §307);

Għal dawn il-motivi;

Prevja konferma tar-relazzjonijiet peritali;

Tilqa' t-talba ta' l-attur, billi tikkundanna lill-konvenuti jħallsulu fi kwoti ndaqs is-somma li baqgħalu jieħu ta' £469. 7. 3, bl-imgħax mil-lum;

L-ispejjeż jitħallsu 4/19 mill-attur u 15/19 mill-konvenuti, barra l-ispejjeż relativi għall-perizji, li għandhom jitħallsu nofs mill-attur u nofs mill-konvenuti.